

31978L0052

L 15/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.1.1978

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Diċembru 1977

li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-pjani nazzjonali għall-qerda mgħaġġla tal-mard *brucellosis*, *tuberculosis* u *enzootic leukosis* fl-ifrat

(78/52/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkonsidra d-Direttiva tal-Kunsill 77/391/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 li ntroduċiet il-miżuri meħuda mill-Komunità għall-qerda tal-*brucellosis*, *tuberculosis* u *leukosis* fl-ifrat⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 ta' l-istess Direttiva,

Biex jikkwalifika għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità kif imsemmi fid-Direttiva 77/391/KEE, kull pian ta' qerda li jirreferu għalih l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dik id-Direttiva għandu, skond il-merħliet li għalihom japplika, ta' l-anqas jissodisfa l-kriterji mniżżla fid-Direttiva preżenti.

Wara li kkonsidra l-proposta min-naħa tal-Kummissjoni,

Artikolu 2

Filwaqt li f'Direttiva 77/391/KEE, meta tpoġġew fuq il-mejda l-prinċipji bażiċi biex il-Komunità tintervjeni għall-qerda tal-*brucellosis*, *tuberculosis* u *leukosis*, il-Kunsill iddeċida li sussegwentement jstabbilixxi l-kriterji minimi li l-pjani nazzjonali għall-qerda tal-mard imsemmi għandhom jissodisfaw biex jikkwalifikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità;

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

Filwaqt li l-ewwel waħda minn dawn il-kriterji titkellem dwar aktar għaġġla fil-pjani nazzjonali, sabiex il-kampanja biex jinqered dan il-mard in kwistjoni fl-Istati Membri fejn il-merħliet għadhom infettati tkun tista' tiġi konkluzja b'suċċess malajr kemm jista' jkun; filwaqt li għal dan il-għan għandhom jittieħdu miżuri ġodda jew jissaħħu dawk eżistenti, fejn possibbli iseħħu t-tnejn f'daqqa, liema miżuri jikkonċernaw b'mod partikolari testijiet fuq l-ifrat ħajjin, il-mod kif jaħdmu l-laboratorji u l-kumpens imħallas għall-ifrat li jinqatlu taħt il-pjani ta' qerda;

1. fil-każ ta' *brucellosis* fl-ifrat:

- (a) merħliet tal-bovini tat-tip B₁: merħliet li fil-każ tagħhom ma jkunx magħruf il-passat ta' saħħithom, it-tilqim u *s-serological status*;
- (b) merħliet tal-bovini tat-tip B₂: merħliet li fil-każ tagħhom ikun magħruf il-passat ta' saħħithom, it-tilqim u *s-serological status* tagħhom u fejn it-testijiet ta' moniteragg ta' rutina jsiru skond ir-regoli nazzjonali li jistgħu jtellgħu lil dawn il-merħliet sa tip B₃ jew B₄;
- (c) merħliet tal-bovini tat-tip B₃: merħliet li huma ħielsa mill-*brucellosis* skond it-tifsira mogħtija fid-Direttiva 64/432/KEE tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi ta' saħħa li jaffettwaw in-negozju taċ-ċanga u l-majjal⁽²⁾ bejn pajjiżi tal-Komunità, skond kif emendati l-aħħar bid-Direttiva 77/98/KEE⁽³⁾;
- (d) merħla tal-bovini tat-tip B₄: merħliet li huma uffiċjalment ħielsa mill-*brucellosis*, skond it-tifsira mogħtija fid-Direttiva 64/432/KEE;

Filwaqt li aktar minn hekk, huwa neċessarju, jiddependi fuq il-mard in kwistjoni, li wieħed iniżżel il-kundizzjonijiet li taħthom qtil, iżolazzjoni, tindif u disinfezzjar għandu jseħħ u l-użu li għandu jsir ta' ċerti prodotti ta' l-ifrat;

2. fil-każ ta' *tuberculosis* fost il-bovini:

- (a) merħliet tal-bovini tat-tip T₁: merħliet li fil-każ tagħhom il-passat ta' saħħithom u r-riżultati tat-testijiet tat-*tuberculosis* ma jkunx magħrufa;

Filwaqt li huwa essenzjali wkoll, biex wieħed jevita r-riskju ta' nfezzjoni mill-ġdid, li jipprattika kontroll strett tal-movimenti ta' l-ifrat, speċjalment bejn merħliet ta' stat ta' saħħa differenti, u li jaġġmel dawk il-movimenti skond ċerti testijiet;

Filwaqt li trid tiġi stabbilita d-data li fiha għandha tidħol fis-seħħ id-Direttiva 77/391/KEE,

(1) ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 44.

(2) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.

(3) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 81.

- (b) merħliet tal-bovini tat-tip T₂: merħliet li fil-każ tagħhom ikun magħruf il-passat ta' saħħithom u anki r-riżultati tat-testijiet tat-*tuberculosis*, u fejn it-testijiet ta' moniteragg ta' rutina jsiru skond ir-regoli nazzjonali li jtellgħu lil dawn il-merħliet sat-tip T₃;
- (ċ) merħliet tal-bovini tat-tip T₃: merħliet li huma uffiċċjalment ħielsa mit-*tuberculosis*, skond it-tifsira mogħtija fid-Direttiva 64/432/KEE;
3. annimal suspett: kull annimal bovin li juri sintomi li jindikaw il-possibilità tal-preżenza tat-*tuberculosis*, *brucellosis* jew *bovine enzootic leucosis*, u li fil-każ tiegħu ebda eżami mediku għadu la kkonferma uffiċċjalment u lanqas elimina uffiċċjalment il-possibilità tal-preżenza ta' waħda jew aktar minn dawn il-mard;
4. veterinarju uffiċċjali: il-veterinarju assenjat mill-awtorità kompetenti ċentrali ta' l-Istat Membru;
5. mezz ta' trasport: dawk il-partijiet ta' karozzi, ferroviji jew ajruplani li jintużaw għall-ġarr, il-partijiet ta' vapuri u *containers* għal trasport fuq l-art, bil-baħar jew bl-ajru.

KAPITLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, f'kull każ, l-għaġġla li titkellem dwarha d-Direttiva 77/391/KEE tkun tinvolvi t-tnaqqis fil-perjodu ta' żmien li hemm bżonn biex jitlestew il-pjani ta' qerda b'suċċess, meta kkomparati maż-żmien li jittieħed permezz tal-programmi mħaddma bħalissa.

Il-miżuri li għandhom jittieħdu biex dan iseħħ għandhom ikunu dawn li ġejjin:

1. Il-proporzjon tal-popolazzjoni nazzjonali ta' l-ifrat li huwa s-suġġett tal-miżuri ta' qerda u ta' prevenzjoni, għandhom jiżiedu biex ħafna minn dawn l-ifrat, jew l-ifrat kollha jkun jistgħu jitpoġġew jew jinżammu taħt moniteragg mill-aktar fis possibbli.
2. Il-kumpens għall-annimali maqtula skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċċjali għandu jiġi aġġustat sabiex dawk li jrabbuhom jiġu kkkompensati b'mod xieraq.
3. In-numru ta' persunal fil-laboratorju għandu jiżied u għandu jkun hemm titjib fil-kundizzjonijiet għat-tmexxija tat-testijiet mediċi fil-laboratorju – sakemm dawn il-passi għad iridu jittieħdu – sabiex jintlaħaq livell suffiċjenti li jagħmel possibbli l-miżuri msemmija f'punt numru 1.
4. Miżuri introdotti biex jiġġieldu l-mard *enzootic* iridu jiġu applikati b'mod sistematiku.

Biex jiggarantixxu li l-għaġġla tkun effettiva b'mod sħiħ, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li jidħlu fis-seħħ il-miżuri msemmija f'punti numru 1 sa numru 4.

Artikolu 4

1. Bil-għan li jiġi sorveljat uffiċċjalment il-moviment ta' l-annimali, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-ifrat jkun rreġistrati u identifikati b'mod permanenti.

2. L-Istati Membri, għal kull marda li għaliha jeżisti pjan ta' qerda, għandhom joħolqu, u jżommu aġġornat, dokument uffiċċjali dwar il-merħliet tal-bovini li jaqgħu taħt dan il-pjan, ikklassifikat skond l-istat ta' saħħithom.

KAPITLU II

Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw *brucellosis* fl-ifrat

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li taħt il-pjan ta' qerda tal-*brucellosis*:

- (a) il-preżenza jew is-suspett tal-preżenza tal-*brucellosis* trid tiġi nnotifikata lill-awtorità kompetenti bil-fors u b'mod immedjat;
- (b) kull trattament terapewtiku kontra l-*brucellosis* huwa pprojbit;
- (ċ) jekk tkun prattikata, it-tilqima kontra l-*brucellosis* għandha ssir taħt superviżjoni uffiċċjali iżda għandha tiġi sospiża kemm jista' jkun malajr biex b'hekk il-merħliet ikunu jistgħu jgħaddu fl-istadju ta' merħliet li huma uffiċċjalment ħielsa mill-*brucellosis*.

Artikolu 6

1. Fejn merħla jkollha annimal suspettat li għandu l-*brucellosis*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jitwettqu malajr kemm jista' jkun investigazzjonijiet uffiċċjali biex jikkonfermaw jew jiċħdu l-preżenza ta' dik il-marda.

Sakemm joħroġ ir-riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jordnaw:

- li l-merħla tiġi mqegħda taħt sorveljanza uffiċċjali;
- li jkun ipprojbit kull ċaqlieq lejn il-merħla jew barra minnha, sakemm ma jkunx awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li jsir qtil mingħajr dewmien. Madanakollu, fir-razzett, iċ-ċaqlieq ta' l-ifrat kastrati jista' jkun awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti wara li jiġu iżolati l-annimali suspettati, dejjem jekk l-annimali kastrati jittieħdu mal-kumplement tal-merħla li eventwalment trid tinqatel.
- l-iżolament mill-merħla ta' l-annimali suspettati.

2. L-ordnijiet imsemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jitnehew sakemm tkun eskluża uffiċċjalment il-preżenza jew il-preżenza suspettata tal-*brucellosis* fil-merħla kkonċernata.

3. Meta f'merħla tkun ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza ta' *brucellosis*, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex ma jħallux il-marda tkompli tinfirex u b'mod partikolari għandhom jiżguraw li:

- jiġi pprojbit kull ċaqlieg lejn il-merħla jew barra minnha, sakemm ma jkunx awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li jsir qtil mingħajr dewmien; madanakollu, fir-razzett, iċ-ċaqlieg tal-ifrat kastrati jista' jkun awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti wara li l-annimali infettati kif ukoll dawk l-ifrat mejjusa mill-istess awtoritajiet bħala infettati, jiġu iżolati u mmarkati għall-qtil, dejjem jekk l-annimali kastrati jittieħdu fil-merħla għas-smin u eventwalment għall-biċċerija,
- jiġu iżolati mill-merħla l-annimali li jkunu uffiċjalment ikkonfermati bħala annimali milquta mill-*brucellosis*, kif ukoll l-annimali li ġew infettati minnhom,
- suġġett għall-osservanza tat-termini ipprovduti f'Direttiva 64/432/KEE, u dawk tad-Direttiva 78/51/KEE tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1977 li ttawwal ċerti miżuri ta' derogi rigward il-*brucellosis* u *tuberculosis* mogħtija lid-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit⁽¹⁾, l-annimali għandhom jiġu eżaminati mingħajr dewmien għall-*brucellosis*,
- annimali li kienu uffiċjalment ikkonfermati bħala annimali milquta mill-*brucellosis*, annimali li kienu eżaminati kif stipulat fit-tielet punt b'riżultati mhux favorevoli, u annimali li l-awtoritajiet kompetenti kkunsidrawhom bħala infettati jiġu iżolati u mmarkati sakemm jinqatlu kif imsemmi fl-Artikolu 7,
- ħalib minn baqar infettati jista' jingħata biss lill-annimali ta' l-istess razzett wara li dan ikun ittrattat tajjeb bis-sħana,
- mingħajr preġudizzju lejn dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ikel, ħalib tal-baqar minn merħla nfettata, ma jstax jittieħed f'fabbrica tal-ħalib, jekk mhux biex jingħata trattament tajjeb bis-sħana,
- karkassa, nofs karkassa, kwart, biċċiet u fdalijiet ta' annimali nfettati li jkunu ser jintużaw bħala għalf għall-annimali, għandhom jiġu trattati b'tali mod li tiġi evitata l-kontaminazzjoni,
- feti, għoġġiela mwielda mejta, għoġġiela li jkunu mietu wara t-twelid kawża ta' *brucellosis*, jew *placentae* għandhom jintremew b'attenzjoni u jinqerdu immedjatament, jekk ma jkunux ser jiġu eżaminati,
- tiben, skart jew materjal ieħor u sustanzi li jkunu ġew f'kuntatt mal-baqra, għoġol jew *plaċenta* infettati għandhom jinqerdu immedjatament, jew billi jinħarqu jew billi jinħaslu bid-diżinfettant u jindifnu,

- regolamenti uffiċċjali biex jiġu kkontrollati stabbilimenti bħal ma huwa mpjant għar-rimi ta' karkassa, jiżguraw li ma jkunx hemm periklu li l-materjal prodott ikompli jifrex il-*brucellosis*,
- demel mill-kmamar tar-razzett jew bnadi oħra użati mill-annimali, għandu jinżamm f'post inaċċessibbli għall-annimali, u għandu jiġi ttrattat permezz ta' diżinfettant tajjeb u jintrefa' għal mill-anqas tliet gimġhat. Jekk id-demel ikun mġotti b'saff ta' demel mhux infettat jew bil-ħamrija, ma jkunx hemm il-bżonn li jintuża diżinfettant. Skart likwidu mill-kmamar tar-razzett jew bnadi oħra użati mill-annimali għandu jiġi diżinfettat jekk dan ma jkunx inġabar mad-demel l-ieħor.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li wara li jsir eżami batterjoloġiku, patoloġiku u seroloġiku, annimali li fihom tkun uffiċjalment ikkonfermata l-preżenza ta' *brucellosis*, u annimali li skond l-awtoritajiet kompetenti huma nfettati, għandhom jinqatlu taħt superviżjoni uffiċċjali kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 30 jum wara li s-sid jew il-persuna responsabbli tiġi nformata uffiċjalment bir-riżultati tat-testijiet u bl-obbligazzjoni tiegħu, taħt il-pjan ta' qerda, biex joqtol l-ifrat kkonċernati fiż-żmien stipulat.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

1. wara l-qtil ta' l-ifrat kif imsemmi fl-Artikolu 7, u qabel ma wieħed jerġa' jibda jrabbi, il-kmamar tar-razzett u bnadi oħra fejn kien hemm il-merħla, u l-kontenituri kollha, l-apparat u l-oġġetti oħra użati għall-annimali, jiġu mnaddfa u ddisinfettati taħt superviżjoni uffiċċjali, skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċċjali. L-użu mill-ġdid ta' għelieqi li kellhom fihom dawn l-annimali ma jstax isir qabel ma jgħaddu 60 jum minn meta dawn jitneħħew mill-istess għelieqi. Madanakollu, fil-każ ta' annimali kastrati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jidderogaw minn din il-projibizzjoni, bil-kundizzjoni li dawn l-annimali jħallu dawn l-għelieqi għall-qatla biss jew inkella jintużaw minn merħla li tissemmen biex eventwalment tinqatel;
2. kull mezz ta' trasport, kontenitur u apparat jiġu mnaddfa u ddisinfettati, wara li jiġu ttrasportati annimali minn merħla infettata, jew materjal minn dawn l-annimali, jew materjal jew sustanzi li kienu f'kuntatt ma' dawn l-annimali. Wara li jintużaw, iridu jitnaddfu u jiġu ddisinfettati ż-żoni minn fejn tgħabbew dawn l-annimali;

(¹) ĠU L 15, tad-19.1.1978, p. 22.

3. id-diżinfettant li għandu jintuża u l-elementi tiegħu għandhom ikunu awtorizzati uffiċjalment mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li wara l-qtil ta' l-ifrat kif imsemmi fl-Artikolu 7,

— bla preġudizzju lejn id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11, l-ebda annimal ta' l-ifrat ma jista' jħalli l-merħla kkonċernata jekk ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti bil-għan li jsir qtil mingħajr dewmien. Madanakollu, iċ-ċaqlieq ta' l-annimali kastrati fir-razzett jista' jiġi awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti, dejjem jekk l-annimali kastrati jittieħdu mal-merħla li eventwalment trid tinqatel,

— isiru testijiet ta' *brucellosis* fuq il-merħla kkonċernata biex ikun ikkonfermat li l-marda ġiet eliminata,

— il-merħla ma terġax tilqa' fiha annimali ġodda għat-tgħammir sakemm l-annimali li jkollhom aktar minn 12-il xahar fl-istess merħla, u li jkunu għadhom hemm għal dan il-għan, jgħaddu minn eżami seroloġiku għall-*brucellosis* wieħed, jew aktar. Madanakollu, fil-każ ta' ifrat li jkunu ġew imlaqqma skond il-proviżjonijiet tad-Direttiva 64/432/KEE, dan l-eżami m'għandux għalfejn isir sakemm l-annimali jkollhom 18-il xahar.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-testijiet seroloġiċi uffiċċjali jsiru fmerhliet tat-tip B₁ u tat-tip B₂ sakemm dawn isiru tat-tip B₃, jew tat-tip B₄.

Artikolu 11

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(i) il-baqar kollha u l-barrin kollha li minn merħliet tat-tip B₁ ikunu ser jittieħdu fmerhliet tat-tip B₂:

— jekk ikollhom aktar minn 12-il xahar, ikunu għaddew minn test seroloġiku approvat uffiċċjalment fil-perjodu ta' 30 jum qabel ma jsir iċ-ċaqlieq u jkunu akkumpanjati b'ċertifikat għal dawn il-fini minn veterinarju uffiċċjali,

— ikunu iżolati immedjatament mal-wasla tagħhom għal mill-anqas 60 jum u jekk ikollhom iktar minn 12-il xahar, ikunu għaddew minn test seroloġiku ieħor approvat uffiċċjalment qabel ma jiġu aċċettati fmerhla tat-tip B₂;

(ii) il-baqar kollha u l-barrin kollha li minn merħla tat-tip B₂ jkunu ser jittieħdu fmerhla oħra tat-tip B₂:

— jekk ikollhom aktar minn 12-il xahar, ikunu għaddew minn test seroloġiku approvat uffiċċjalment fil-perjodu ta' 30 jum qabel ma jsir iċ-ċaqlieq u jkunu akkumpanjati b'ċertifikat għal dawn il-fini minn veterinarju uffiċċjali,

— ma jiġux f'kuntatt, matul it-trasferiment, ma' annimali minn merħliet ta' stat ta' saħħa agħar;

(iii) it-trasferiment ta' annimali bejn merħliet tat-tip B₃ u B₄ isiru suġġett għall-osservanza tar-regolamenti msemmija f'Direttiva 64/432/KEE.

Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li:

— jittieħdu miżuri ta' kontroll uffiċċjali li jipprevjenu milli merħla li minnha tkun diġà ġiet eliminata l-*brucellosis*, tiġi infettata mill-ġdid permezz ta' sorsi oħra ta' infezzjoni,

— iċ-ċaqlieq kollu ta' ifrat fl-istess merħla u bejn merħliet oħra koperti bi pjani ta' qerda, huwa suġġett għal moniteragg uffiċċjali,

— il-miżuri ta' kontroll ta' ċaqlieq msemmija fit-tieni punt jistgħu jiġu applikati mingħajr preġudizzju għall-miżuri eżistenti tal-Komunità dwar iċ-ċaqlieq lejn u l-barra minn merħliet li jkunu ħielsa mill-*brucellosis* u merħliet li jkunu uffiċċjalment ħielsa mill-*brucellosis*.

KAPITLU III

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tuberculosis fil-bovini

Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li taħt pjani ta' qerda mgħaġġla tat-tuberculosis:

(a) il-preżenza jew is-suspett tal-preżenza tat-tuberculosis trid tiġi nnotifikata bilfors u b'mod immedjat lill-awtorità kompetenti;

(b) dawn li ġejjin huma pprojbiti:

(i) kull trattament terapewtiku jew *desensitizing treatment* għat-tuberculosis;

(ii) tilqim kontra t-tuberculosis.

Artikolu 14

1. Fejn merħla jkollha fiha animal sospettat li għandu *tuberculosis*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li jitwettqu malajr kemm jista' jkun investigazzjonijiet uffiċċjali biex tiġi kkonfermata jew miċħuda l-preżenza ta' din il-marda.

Sakemm ikun magħruf ir-riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jordnaw li:

- il-merħla titpoġġa taħt sorveljanza uffiċċjali,
- jkun ipprobit kull ċaqlieq lejn jew barra mill-merħla, sakemm dan ma jkunx awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li jsir qtil mingħajr dewmien,
- l-animali sospettati jiġu iżolati mill-merħla.

2. L-ordnijiet msemminja fil-paragrafu 1 ma jistgħux jitneħħew sakemm tiġi eliminata kompletament il-preżenza jew is-suspett tal-preżenza tat-*tuberculosis* fil-merħla kkonċernata.

3. Fejn il-preżenza tat-*tuberculosis* tkun ikkonfermata uffiċċjalment, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adattati biex ma jħallux il-marda tkompli tinfirex u b'mod partikolari għandhom jiżguraw li:

- ikun ipprobit kull moviment lejn jew barra mill-merħla in kwistjoni sakemm dan ma jkunx awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li jsir qtil mingħajr dewmien,
- l-ifrat li jkunu ikkonfermati bħala morda bit-*tuberculosis*, u ifrat oħra li setgħu ġew infettati minnhom, jiġu iżolati mill-merħla,
- mingħajr dewmien l-ifrat jiġu eżaminati biex jiġi stabbilit jekk għandhomx il-marda *tuberculosis*,
- ifrat li jkunu kkonfermati uffiċċjalment bħala morda bit-*tuberculosis*, ifrat li ġew eżaminati kif imsemmi fit-tielet punt b'riżultati mhux favorevoli, u ifrat kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti bħala infettati jiġu iżolati u mmarkati sakemm isir il-qtil kif imsemmi fl-Artikolu 15,
- ħalib minn baqar infettati jista' jingħata biss lill-animali fl-istess razzett wara li dan ikun għadda minn trattament ta' sħana,
- mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ikel, ħalib ta' baqar li ġejjin minn merħla nfettata, ma jistax jiġi ttrasportat lejn fabrika tal-ħalib, ħlief biex jingħata trattament adattat ta' sħana,
- karkassa, nofs karkassa, kwart, biċċiet u fdalijiet ta' ifrat intenzjonati biex jintużaw bħala għalf għall-animali jiġu trattati b'tali mod li tiġi evitata l-kontaminazzjoni,

— regoli uffiċċjali għall-kontroll ta' stabbilimenti, bħal impjanti għar-rimi tal-karkassi, jiżguraw li m'hemm l-ebda perikolu li l-materjal prodott ikompli jxerred it-*tuberculosis*,

— demel mill-kmamar tar-razzett jew bnadi oħra użati mill-animali, għandu jinżamm f'post inaċċessibbli għall-animali, u għandu jinħasel permezz ta' diżinfettant tajjeb u merfugħ għal mill-anqas tliet ġimgħat. Jekk id-demel ikun mgħotti b'saff ta' demel mhux infettat jew bil-ħamrija, ma jkunx hemm il-bżonn li jintuża diżinfettant. Jekk ma jinġabarx mad-demel l-ieħor, skart likwidu mill-kmamar tar-razzett jew bnadi oħra użati mill-animali għandu jiġi ddiżinfettat.

Artikolu 15

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li wara li jsir eżami batterjoloġiku, patoloġiku u eżami dwar *tuberculosis*, l-animali li fihom tkun uffiċċjalment ikkonfermata l-preżenza ta' *tuberculosis*, u l-animali li skond l-awtoritajiet kompetenti huma infettati, għandhom jinqatlu taħt superviżjoni uffiċċjali kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 30 jum wara li s-sid jew il-persuna responsabbli tiġi nnotifikata uffiċċjalment bir-riżultati tat-testijiet u bl-obbligazzjoni tiegħu, taħt il-pjan ta' qerda, li joqtol il-merħla kkonċernata fiż-żmien stipulat.

Madanakollu, f'każ ta' animali li jkunu ġew eżaminati għat-*tuberculosis* b'riżultati mhux favorevoli mingħajr ma urew sintomi kliniċi ta' din il-marda, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu l-perjodu msemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq għal mhux aktar minn tliet xhur,

- fil-każ ta' baqar li huma mistennija jwelledu f'dan il-perjodu ta' tliet xhur,
- fejn huma jordnaw il-qtil ta' l-ifrat kollha f'merħla li tkun tikkonsisti faktar minn 20 ras freġjun li fih, għal raġunijiet tekniċi relatati mal-kobor tal-postijiet li fihom jinqatlu l-animali, il-qtil ma jkunx jista' jseħħ fi żmien 30 jum.

Artikolu 16

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li:

1. wara l-qtil ta' l-ifrat kif imsemmi fl-Artikolu 15 u qabel ma wieħed jerġa' jibda jrabbi, il-kmamar tar-razzett u bnadi oħra fejn kien hemm il-merħla, u kull kontenitur, apparat u oġġett ieħor użati għall-animali, jiġu mnaddfa u ddiżinfettati taħt superviżjoni uffiċċjali, skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċċjali;

2. kull mezz ta' trasport, kontenituri u apparat jiġu mnaddfa u ddiżinfettati, wara li jiġu ttrasportati minn merħla infettata annimali, jew materjal minn dawn l-annimali, jew materjal jew sustanzi li kienu f'kuntatt ma' dawn l-annimali. Wara li jintużaw, iridu jtnaddfu u jiġu ddiżinfettati ż-żoni minn fejn tgħabbew dawn l-annimali;
3. id-diżinfettant li jintuża u l-elementi tiegħu jkunu awtorizzati uffiċjalment mill-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernat.

Artikolu 17

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li wara l-qtil ta' l-ifrat kif imsemmi fl-Artikolu 15,

- mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19, l-ebda annimal ta' l-ifrat ma jista' jħalli l-merħla kkonċernata, sakemm ma tkunx ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti bil-għan li jseħħ il-qtil mingħajr dewmien,
- jitwettqu testijiet għat-*tuberculosis* fuq il-merħla kkonċernata biex jiġi kkonfermat li l-marda nqerdet,
- ma jinġibux ifrat ġodda fil-merħla sakemm isir eżami uffiċjali wieħed tat-*tuberculosis*, jew aktar, fuq l-annimali li jkunu għadhom fil-merħla u li jkollhom aktar minn sitt ġimgħat.

Artikolu 18

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, taħt il-pjan għall-qerda tat-*tuberculosis*, jitwettaq eżami tat-*tuberculosis* msejjaħ *intra-dermal*, li jkun segwit b'mod uffiċjali, fuq l-ifrat kollha li jkollhom aktar minn sitt ġimgħat u li jkunu jagħmlu parti minn merhlet tat-tip T_1 u tat-tip T_2 , sakemm dawn jibdeu jagħmlu parti minn merħla tat-tip T_3 .

Artikolu 19

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li:

- (i) kull annimal minn merħla tat-tip T_1 u li jkun ser jintbagħat f'merħla tat-tip T_2 :
 - jkun għadda minn eżami tat-*tuberculosis* msejjaħ *intra-dermal*, li jkun sar fil-perjodu ta' 30 jum qabel iċ-ċaqlieg, u li jkun akkumpanjat b'ċertifikat għal dan il-fini magħmul mill-veterinarju uffiċjali,
 - mal-wasla tiegħu jkun iżolat immedjatament għal mill-anqas 60 jum u jkun għadda minn eżami tat-*tuberculosis* msejjaħ *intra-dermal* ieħor qabel ma jitħalla jidħol fil-merħla l-ġdida;

- (ii) kull annimal minn merħla tat-tip T_2 li jkun ser jintbagħat f'merħla oħra tat-tip T_2 :
 - għandu jkun għadda minn eżami tat-*tuberculosis* msejjaħ *intra-dermal*, li jkun iċ-ċaqlieg, u jkun akkumpanjat b'ċertifikat dwar dan is-suġġett magħmul mill-veterinarju uffiċjali,
 - matul it-trasport tiegħu, ma jiġix f'kuntatt ma' ifrat li jkunu ġejjin minn merhlet ta' stat ta' saħħa aktar baxx;
- (iii) kull trasferiment ta' ifrat bejn merhlet tat-tip T_3 jiġi mwettaq suġġett għall-osservanza tar-regolamenti msemmija f'Direttiva 64/432/KEE.

Artikolu 20

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li:

- jittieħdu miżuri uffiċjali ta' kontroll biex wieħed ma jħallix li merħla li minnha tkun ġiet eliminata t-*tuberculosis*, terġa' tiġi nfettata minn sorsi oħra ta' infezzjoni,
- kull moviment ta' ifrat lejn u l-barra minn merhlet li jaqgħu taħt pjan ta' qerda huma suġġett għal supervizzjoni uffiċjali,
- il-miżuri ta' kontroll fuq il-movimenti msemmija taħt punt numru tnejn jistgħu japplikaw mingħajr preġudizzju għall-miżuri eżistenti tal-Komunità dwar il-moviment lejn u l-barra minn merhlet li jkunu uffiċjalment ħielsa mill-marda tat-*tuberculosis*.

KAPITLU IV

Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' *enzootic bovine leukosis*

Artikolu 21

Sakemm jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-Komunità, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, subparagrafu tlieta tad-Direttiva 77/391/KEE, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar is-sejba ta' *leukosis* u dwar il-klassifikazzjoni ta' merhlet rigward il-*leukosis*.

Artikolu 22

L-Istati Membri għandhom jassiguraw, li taħt il-pjan ta' qerda tal-*leukosis*,

- (a) il-presenza jew is-suspett tal-presenza tal-*leukosis*, b'mod partikolari tumur tal-*lymphatic system* u organi oħra ta' l-ifrat, trid tiġi bil-fors u immedjatament innotifikata lill-awtorità kompetenti;
- (b) trattament terapewtiku jew tilqim kontra l-*leukosis* ta' kwalunkwe tip huwa pprojbit.

Artikolu 23

Minkejja kull miżura adottata aktar kmieni fid-dispożizzjonijiet nazzjonali f'każ ta' suspett ta' *leukosis*, meta l-presenza ta' *leukosis* tkun uffiċjalment ikkonfermata f'merħla, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex ma jħallux il-marda tkompli tinfirex, u b'mod partikolari għandhom jassiguraw illi:

- kull ċaqlieq ta' annimali minn din il-merħla huwa pprojbit, sakemm ma jkunx awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti biex isir il-qtil mingħajr dewmien,
- il-merħla in kwistjoni tiġi iżolata biex l-ifrat ma jkunux jistgħu jiġu f'kuntatt ma' ifrat li ma jagħmlux parti minn din il-merħla,
- ħalib minn baqar infettati jista' jingħata għax-xorb lill-annimali wara trattament tajjeb bis-sħana jew wara li jkun ittieħed f'fabbrica tal-ħalib biex jingħata trattament simili; l-għoti ta' ħalib għax-xorb lill-annimali mingħajr trattament tas-sħana jista' jiġi awtorizzat f'każ ta' merħliet fejn l-annimali kollha jkunu ser jinqatlu skond l-Artikolu 24, punt numru 1,
- karkassa, nofs karkassa, kwart, biċċiet u fdalijiet ta' annimali infettati intenzjonati għall-użu bħala għalf għall-annimali jiġu ppreparati b'tali mod li tiġi evitata l-kontaminazzjoni,
- r-regoli uffiċjali għall-kontroll ta' stabbilimenti, bħall-impjanti għar-rimi tal-karkassi, jiżguraw li m'hemm l-ebda periklu li l-materjal prodott jifrex il-*leukosis*,
- il-bidwi jinforma lill-veterinarju uffiċjali bil-mewt jew bil-qtil ta' emerġenza ta' kwalunkwe annimal ta' l-ifrat fir-razzett tiegħu.

Artikolu 24

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, skond il-mod kif tqassam il-pjan ta' qerda,

1. fejn pjan simili jipprovdi għall-qtil ta' l-ifrat kollha li jkunu jagħmlu parti minn merħla li fiha ġiet stabbilita l-*leukosis*, dawn l-annimali jinqatlu f'perjodu li jiġi definit mill-awtoritajiet kompetenti;
2. fejn pjan simili jipprovdi biss għall-qtil ta' dawk l-ifrat li fihom tkun stabbilita b'mod uffiċjali l-*leukosis* u possibbilment dawk li huma kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti bħala infettati, dan il-qtil iseħħ f'perjodu ta' 30 jum wara li s-sid tagħhom jew il-persuna responsabbli tiġi uffiċjalment infurmata bir-riżultat ta' l-eżamijiet u bl-obligazzjoni tiegħu, skond il-pjan ta' qerda, li joqtol l-ifrat kkonċernati f'dan il-perjodu.

Artikolu 25

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, f'każ ta' qtil skond l-Artikolu 24, punt numru 2,

- l-ebda annimal ma jista' jħalli l-merħla kkonċernata sakemm ma tkunx ingħatat awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li jsir il-qtil mingħajr dewmien,
- eżamijiet tal-*leukosis* jitwettqu fuq il-merħla kkonċernata biex jikkonfermaw li l-marda ġiet eliminata,
- biex terġa' titkabbar il-merħla mill-ġdid jistgħu jintużaw biss dawk l-annimali minn merħliet ikkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li m' humiex infettati bil-*leukosis*.

Artikolu 26

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li:

1. wara l-qtil ta' l-ifrat msemmi fl-Artikolu 24 u qabel ma wieħed jerġa' jibda jrabbi, il-kmamar tar-razzett u bnadi oħra fejn kien hemm il-merħla, u kull kontenitur, apparat u oġġett ieħor użat għall-annimali, jiġu mnaddfa u ddiżinfettati taħt superviżjoni uffiċjali, skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċjali;
2. kull mezz ta' trasport, kontenituri u apparat jiġu mnaddfa u ddiżinfettati, wara t-trasport ta' annimali nfettati, jew materjal minn dawn l-annimali, jew materjal jew sustanzi li kienu f'kuntatt ma' dawn l-annimali. Wara li jintużaw, iridu jtnaddfu u jiġu ddiżinfettati ż-żoni minn fejn tgħabbew dawn l-annimali;
3. d-diżinfettant li jintuża u l-elementi tiegħu jkunu awtorizzati uffiċjalment mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 27

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-ifrat minn merħla kklassifikata bħala mhux suspetta ma jiġux f'kuntatt ma' ifrat minn merħliet li m' humiex ikklassifikati b'dan il-mod.

KAPITLU V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 28

Qabel ma jgħaddi l-perjodu ta' tliet snin imsemmi f'Direttiva 77/391/KEE, il-Kummissjoni trid tissottometti rapport quddiem il-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-pjani msemmija f'dik id-Direttiva, akkumpanjat, jekk hemm bżonn, bi propositi biex ikun hemm aktar armonija bejn il-miżuri preventivi nazzjonali.

Artikolu 29

1. Id-Direttiva 77/391/KEE għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1978.
2. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-qerda mgħaġġla adottata skond l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 77/391/KEE, fid-data msemmija mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha li tapprova l-pjani, u l-pjani approvati matul l-1978, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1978.
3. Il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' tliet snin imsemmi fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 77/391/KEE għandu jibda jgħaddi għal kull Stat Membru, mid-data msemmija mill-Kummissjoni skond paragrafu 2. Madanakollu, il-finanzi tal-Komunità għandhom f'kull każ ikunu ristretti għal qtil imwettaq qabel l-1 ta' Jannar 1982.

4. Il-Kunsill, jaħdem b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista', meta l-implimentazzjoni tal-pjan dwar id-data msemmija tkun tolqot ċerti diffikultajiet konsiderevoli f'uħud mill-Istati Membri, għal dawn il-pajjiżi, jipposponi d-dati speċifikati f'paragrafi 2 u 3 b'mhux aktar minn sena.

Artikolu 30

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

A. HUMBLET